REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 970/2007

tas-17 ta' Awwissu 2007

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2005 li jimponi xi miżuri ristrettivi speċifiċi kontra xi persuni li qed ifixklu l-proċess ta' paċi u li qed jiksru d-dritt internazzjonali fil-kunflitt fir-reġjun tad-Darfur fis-Sudan

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi xi miżuri ristrettivi speċifiċi kontra xi persuni li qed ifixklu l-proċess ta' paċi u li qed jiksru d-dritt internazzjonali fil-kunflitt fir-reġjun tad-Darfur fis-Sudan [1], u, b'mod partikolari, l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1184/2005 jelenka l-persuni naturali u legali, l-entitajiet jew il-korpi li jaqgħu taħt l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

(2) Fis-7 ta' Awwissu 2007, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti emenda l-lista tal-persuni naturali, l-entitajiet u l-korpi li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu b'hekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1184/2005 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Awwissu 2007.

Għall-Kummissjoni
Eneko LANDÁBURU
Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

[1] ĠU L 193, 23.7.2005, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1184/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni "Gaffar Mohamed ELHASSAN. Titolu: Maġġur Ġenerali. Informazzjoni oħra: Kmandant tar-Reġjun Militari tal-Punent għall-Forza ta' l-Ajru tas-Sudan" għandha tiġi sostitwita b':

"Gaffar Mohammed **Elhassan** (*alias* Gaffar Mohmed **Elhassan**). Titolu: Maġġur Ġenerali. Kariga: Kmandant tar-Reġjun Militari tal-Punent għall-Forza ta' l-Ajru tas-Sudan. Data tat-twelid: 24.6.1953."

(2) L-annotazzjoni "Gabril Abdul Kareem BADRI. Informazzjoni oħra: Kmandant fl-armata tal-Moviment Nazzjonali għar-Riforma u l-Iżvilupp" għandha tiġi sostitwita b':

"Gabril Abdul Kareem **Badri** (*alias* Gibril Abdul Kareem **Barey**). Titolu: Ġeneral. Kariga: Kmandant fl-armata tal-Moviment Nazzjonali għar-Riforma u l-Iżvilupp."